DEĊIŻJONI TAL-KUNSILL (UE) 2022/286

tat-22 ta' Frar 2022

li taħtar membru, propost mir-Repubblika Federali tal-Ġermanja, fil-Kumitat tar-Reġjuni

IL-KUNSILL TAL-UNJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidra t-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea, u b'mod partikolari l-Artikolu 305 tiegħu,

Wara li kkunsidra d-Deċiżjoni tal-Kunsill (UE) 2019/852 tal-21 ta' Mejju 2019 li tiddetermina l-kompożizzjoni tal-Kumitat tar-Reġjuni ([1]),

Filwaqt li kkunsidra l-proposta mill-Gvern Ġermaniż,

Billi:

(1) Skont l-Artikolu 300(3) tat-Trattat, il-Kumitat tar-Reġjuni għandu jkun kompost minn rappreżentanti tal-korpi reġjonali u lokali, li jew ikollhom mandat elettorali ta' awtorità reġjonali jew lokali jew ikunu politikament responsabbli quddiem assemblea eletta.

(2) Fl-10 ta' Diċembru 2019, il-Kunsill adotta d-Deċiżjoni (UE) 2019/2157 ([2]), li taħtar il-membri u l-membri supplenti tal-Kumitat tar-Reġjuni għall-perijodu mis-26 ta' Jannar 2020 sal-25 ta' Jannar 2025.

(3) Konsegwentement għar-riżenja tas-Sur Michael SCHNEIDER, sar vakanti siġġu ta' membru fil-Kumitat tar-Reġjuni.

(4) Il-Gvern Ġermaniż ippropona lis-Sur Sven SCHULZE, rappreżentant ta' korp reġjonali jew lokali li huwa politikament responsabbli quddiem assemblea eletta, *Minister für Wirtschaft, Tourismus, Landwirtschaft und Forsten des Landes Sachsen-Anhalt* (Ministru għall-Affarijiet Ekonomiċi, it-Turiżmu, l-Agrikoltura u l-Forestrija tal-Istat Federali tas-Sassonja-Anhalt), bħala membru tal-Kumitat tar-Reġjuni għall-bqija tal-mandat attwali, li jintemm fil-25 ta' Jannar 2025,

ADOTTA DIN ID-DEĊIŻJONI:

Artikolu 1

Il-Gvern Ġermaniż ippropona lis-Sur Sven SCHULZE, rappreżentant ta' korp reġjonali jew lokali li huwa politikament responsabbli quddiem assemblea eletta, *Minister für Wirtschaft, Tourismus, Landwirtschaft und Forsten des Landes Sachsen-Anhalt* (Ministru għall-Affarijiet Ekonomiċi, it-Turiżmu, l-Agrikoltura u l-Forestrija tal-Istat Federali tas-Sassonja-Anhalt), bħala membru tal-Kumitat tar-Reġjuni għall-bqija tal-mandat attwali, li jintemm fil-25 ta' Jannar 2025,

([1]) ĠU L 139, 27.5.2019, p. 13.

([2]) Id-Deċiżjoni tal-Kunsill (UE) 2019/2157 tal-10 ta' Diċembru 2019 li taħtar il-membri u l-membri supplenti tal-Kumitat tar-Reġjuni għall-perijodu mis-26 ta' Jannar 2020 sal-25 ta' Jannar 2025 (ĠU L 327, 17.12.2019, p. 78).

Artikolu 2

Din id-Deċiżjoni għandha tidħol fis-seħħ fid-data tal-adozzjoni tagħha.

Magħmul fi Brussell, it-22 ta' Frar 2022.

Għall-Kunsill
Il-President
C. BEAUNE